KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

KALKARA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4/26

16 ta' April, 2026

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru,1897 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Speranza Chircop | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsillier |
| Vincent Bongailas | - Kunsillier |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (2)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

**ASSENTI:** NIL

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Karen Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**4.26.1 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

4.26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Il-laqgħa bdiet fl-4:10pm

**4.26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

4.26.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 3.26 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.26.2.2 Is-Sa. Speranza Chircop ipproponiet u Sur Christopher Bruno issekonda l-minuti ta' seduta 3.26 Il-minuti ġew approvati unanimament.

4.26.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**4.26.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**Okkupanza ta' art f'dak li hu magħruf bħala t-Tennis Court l-antik**

4.26.3.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li fl-20 ta' Marzu flimkien mas-segretarju eżekuttiv attenda għal-laqgħa importanti mas-Sur Martin Bajada, fl-awtorità tal-artijiet dwar abbuż u okkupanza ta'art f'parti minn dik li hi magħrufa bħala 'tennis court' qabel tinżel għal bajja tar-Rnella. Is-Sur Aquilina qal kif fl-aħħar ġimgħat ilmenta dwar dan l-abbuż u saru spezzjonijiet mil-pulizija tal-komunità u sezzjonijiet oħra tal-pulizija fuq il-post imsemmi. Hawn kien ġie innotat li kien qed isiru xi illegalitajiet kif ukoll okkupanza tal-art bla permess. Is-Sindku kien infurmat li l-Cottonera Waterfront Group plc (Consortium) għandu kas pendenti ma' l-Gvern fuq din l-art in kwistjoni. Il-Consortium qed jinsisti li l-Gvern (dak iż-żmien tat-trasferiment) qatt ma għadda l-art kif kienet imwegħda, filwaqt li l-awtorità tal-artijiet qed tgħid li l-art tgħajjat lill-Consortium u hemm kontijiet ta' ammonti sostanzjali pendenti. Wara ħafna komunikazzjoni, huwa ċar li hemm battalja legali bejn l-awtorità u l-Consortium.

4.26.3.2 Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll PS Evan Grech, mill-Pulizija tal-Komunità, is-Sur Ian Vella mid-direttorat għat-trattament xieraq tal-annimali (Animal Welfare) u Ms Ruth Curmi Dimech mid-direttorat għas-saħħa ambjentali (Sanita)

**Laqgħa mal-Kunsill Reġjonali Port**

4.26.3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fit-23 ta' Marzu 2026, attenda għal laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port. Fost diversi temi, ġiet diskussa l-ittra legali li ntbagħtet mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara rigward in-nuqqas ta' qbil tal-pagamenti pendenti tal ġbir ta' iskart. Waqt din il-laqgħa l-Kunsill Reġjonali Port ġie fi qbil li niltaqgħu l-partijiet kollha cioè l-Kunsill Lokali tal-Kalkara, Il-Kunsill Reġjonali Port u l-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart flimkien mal-avukati rispettivi.

## Malta Wheelchair Basketball Association

4.26.3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ġie avviċinat mill-*Malta Wheelchair Basketball Association* . Għaldaqstant fl-24 ta' Marzu 2026 iltaqa' magħhom u proponew idea ta' Reachout, fejn urew ix-xewqa li jagħmlu attività f'Misraħ Arċisqof Gonzi, fiż-żona pedonali. L-għan hu li aktar nies ikunu nfurmati b'din l-assoċjazzjoni u jħajru aktar nies jipprattikaw dan it-tip ta' sport. Is-Sindku qal informa li hemm pjan li ssir attività il-Ħadd 24 ta' Mejju, però għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet.

## Xogħolijiet fil-bajja ta' Rnella

4.26.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-25 ta' Marzu, 2026, kellu laqgħa mal-Perit ta' Infrastructure Malta fil-bajja ta' Rnella fejn ġie spjegat kif ser jitqassam ix-xogħol infrastrutturali fil-bajja ta' Rnella. L-Ewwel fażi ser tiffoka fuq il-pedamenti (piling works). Għal din il-fażi ser tingħalaq parti mill-bajja, jiġifieri minn quddiem il-latrina pubblika sat-tieni taraġ li jagħti għal bajja. Dan ix-xogħol huwa importanti u jimxi mal-pjan maqbul mill-Kunsill Lokali f'seduti preċedenti fejn kien maqbul li jsir pjan ħolistiku tal-bajja ta' Rnella u mhux xogħol temporanju biss.

4.26.3.6 Is-Sindku spjega dak li kien spjegalu l-perit u kif il-kuntrattur mistenni jibda dan ix-xogħol li ser jibqa' għaddej fil-ġimgħat u xhur li ġejjin, inkluż is-sajf. Is-Sindku talab li dejjem ikun hemm aċċess pedonali għal bajja. Filwaqt li sar qbil dwar dan, it-triq mhux ser tkun aċċessibbli għall-vetturi u allura jrid ikun hemm 'diversions' temporanji. Ġie diskuss ukoll li minn nofs April, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) se tkun qed tuża parti miż-żona tal-polvrista għat-tagħbija tan-nar għal festival internazzjonali tan-nar. Is-Sindku kien assigurat li l-MTA u Infrastructure Malta qed jikkordinaw bejniethom dwar dan.

## Sistema diġitali għall-operat tal-Kunsilli Lokali

4.26.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fis-26 ta' Marzu attenda għall-konferenza mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali għat-tnedija ta' sistemi diġitali għall-operat tal-Kunsilli Lokali. Dawn is-sistemi diġitali ser jidħlu fis-seħħ fiż-żmien li ġej wara li jkun finalizzat il-proċess tat-'tender'.

## Bus Shelters

4.26.3.8 Fis-26 ta' Marzu s-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u wieħed mill-ħaddiema klerikali attendew għal Seminar dwar il-Bus Shelters. Dan kien seminar informattiv fejn ġiet spjegata kif se tkun qed titħaddem il-pjattaforma l-ġdida u kif il-Kunsilli Lokali se jkunu jistgħu jagħmlu rapporti dwar ħasarat fil-bus shelters u kwalunkwe għajnuna u mistoqsijiet oħra inkluż installazzjonijiet ta' Bus Shelters ġodda.

4.26.3.9 Ġie spjegat li wara tilwima legali, issa hija ċara li l-Bus Shelters jaqgħu taħt ir-responsabiltà tal-Kunsilli Lokali.

**Fanali solari ġodda f'Wesgħet Joseph Chetcuti**

4.26.3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fis-27 ta' Marzu, 2026, wara diversi diskussjonijiet u anke laqgħat on-site f'Wesgħet Joseph Chetcuti, finalment ġie maqbul bejn uħud mir-residenti, d-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi (Public Works) u l-Kunsill Lokali, fejn għandhom jiġu installati l-mudelli l-ġodda tal-fanali li jaħdmu b'sistema solari. Il-Kunsill Lokali kien applika għal dawn il-fanali permezz ta' skema maħruġa mid-dipartiment tax-xogħlijiet pubbliċi (Public Works) fl-2024. Xogħol preliminarji kien beda lura f'Jannar ta' din is-sena, infatti kienu nqalgħu l-fanali preżenti, iżda fuq talba ta' uħud mir-residenti, x-xogħol twaqqaf sakemm jiġu ċċarati xi affarijiet, fosthom dwar titqib fiċ-ċnut u l-livelli tal-art minħabba xi garaxxijiet taħt. Wara ħafna diskussjonijiet, dawn il-kjarifikazzjonijiet saru u ġie maqbul li fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu, bidu t'April jitkompla x-xogħol.

**Tneħħija ta' Luzzu abbandunat**

4.26.3.11 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fit- 2 ta' April, 2026, flimkien mal-ħaddiema ta' *Clean Malta* mar fi Triq Ġanni Raimondo sabiex jassisti fit-tneħħija tal-luzzu abbandunat li ilu jinżamm fil-bitħa tal-iskola primarja sa minn Marzu 2021. Dan sar wara komunikazzjoni u pressjoni li għamel f'isem il-Kunsill Lokali mal-Fondazzjoni Kottonera li kienu responsabbli għal din l-opra.

**Laqgħa mal-Kunsill Reġjonali Port u l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart**

4.26.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara l-qbil li kien sar waqt il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Port fit-23 ta' Marzu, fejn kien maqbul li ssir laqgħa bejn il-Kunsill Reġjonali, il-Kunsill Lokali u l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart, flimkien mal-avukati rispettivi, din il-laqgħa kien maqbul li ssir fis-6 ta' April. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fis-6 ta' April flimkien mal-Avukat tal-Kunsill Lokali attenda għal- din il-laqgħa kif oriġinarjament kienet skedat. Sfortunatament il-kuntrattur tal-iskart qal li nesa' u ma attendiex għal din il-laqgħa u sintendi lanqas l-avukat tiegħu. Kif kont preżenti fl-uffiċju tal-Kunsill Reġjonali Port tkellimna mal-Avukat tar-Reġjun fil-preżenza tal-President is-Sur Paul Farrugia u d-deputat aġent segretarju eżekuttiv is-Sa Lianne Cassar. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra legali lill-kuntrattur tal-iskart dwar dak li ilna nitkellmu dwaru.

**Skema Lejla Rnella**

4.26.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv fis-6 ta' April daħħlu l-applikazzjoni għall-attività Lejla Rnella, taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali li ħarġet mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

**Ċimiterju ta' Wied Għammieq**

4.26.3.14 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fl-14 ta' April,2026, kellu laqgħa fuq il-post flimkien ma' rappreżentanti tad-direttorat għas-saħħa ambjentali. Hawn setgħu jaraw b'għajnejhom il-qagħda mwera li jinsab fiha dan l-istess ċimiterju. Din kienet l-ewwel darba li dan id-direttorat żar dan il-post wara li sirna nafu li dan iċ-ċimiterju jaqgħu taħt dan id-direttorat. Is-Sindku qal li waslu fi ftehim sabiex ikun aċċertat taħt min jaqa' dan iċ-ċimiterju minħabba li hawn min jgħid li huwa tal-Knisja u hawn min jgħid li huwa tal-Gvern.

**Tribunal Appell No:00107/26 (PA/07152/25)**

4.26.3.15 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li fl-14 ta' April,2026, is-Segretarju Eżekuttiv daħlet online għas-smiegħ tat-Tribunal tar-reviżjoni tal-ambjent u l-ippjannar (The Environment & Planning Review Tribunal) rigward l-appell Numru: 00107/26 tal-approvazzjoni għal-permess tal-użu addizzjonali għal żona tat-tiġijiet fix-xatt tal-esplora. Wara ftit ħin mis-smiegħ, fejn tkellmu l-avukati taż-żewġ naħat (tal-applikant u tal-appellant) s-smiegħ ġie sospiż għal smiegħ ieħor.

**Rendikont ta' *The Kalkara Fun Walk***

4.26.3.16 IsSindku informa lil-Kunsilliera li flimkien mal-istaff amministrattiv għalaq ir-rendikont ta' *The Kalkara Fun Walk* li saret fil-15 ta' Marzu. Is-Sindku preżenta r-rendikont fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera.
Dħul :€3,690
Ħruġ: €2982.30
Bilanċ: €707.70

## 4.26.4 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

Il-Viċi-Sindku, is-Sa. Speranza Chircop.

4.26.4.1 Il-Viċi Sindku, is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsill li għaddejja f'kommunikazzjoni sabiex jerġà jsir il-kors ta' taħriġ 'Għaqal id-dar, ħajja Aħjar'. Hi tixtieq li dan il-kors jerġà jsir wara li kien sar fil-passat u intlaqà tajjeb. Is-Sindku laqgħa din il-proposta u qalilha sabiex tmexxi u tikkordina l-aħjar żmien hi.

4.26.4.2 Is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsilliera li fit-30 ta' Marzu saret laqgħa nformattiva mill-BOV fejn ingħata taħriġ lil-anzjani rigward frodi online.

4.26.4.3 Is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsilliera li se tkun qed torganizza ħarġa kulturali għal Għawdex.

4.26.4.4 Is-Sa. Chircop infurmat lill-Kunsilliera li se tkun qed torganizza wkoll ħarġa kulturali għal irġiel fix-xahar ta' Mejju. Infurmat ukoll li se tkun qed torganizza ħarġa oħra għall-anzjani u l-familji fil-ġimgħat li ġejjin.

Il-Kunsilliera, is-Sa Maria Sultana.

4.26.4.5 Il-Kunsilliera, is-Sa. Sultana nfurmat lill-Kunsilliera, li waqt il-Kunsill tat-tfal ġie propost mit-tfal nfushom, sabiex ġurnata fix-xahar jew kull xahrejn tingħalaq xi triq fejn it-tfal ikunu jistgħu jilgħabu bil-ballun jew bir-rota jew logħob ieħor fi spazju sigur. Waqt l-istess laqgħa t-tfal issuġġerew li jingħaqdu ma klabbs oħra bħal ma huma l-'scouts' u jagħmlu attivitajiet bħal 'camping' u affarijiet oħra simili.

4.26.4.6 Is-Sa. Sultana nfurmat lill-Kunsilliera li l-Ġimgħa 13 ta' Marzu, attendiet għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni ta' tfal tal-Kulleġġ ta' Verdala.

4.26.4.7 Is-Sa. Sultana infurmat lill-Kunsilliera li se tkun qed torganizza attività l-iskola Primarja tal-Kalkara sabiex permezz ta' din l-attività jkun jista' jiġi eżebit xi jsir waqt il-Kunsill tat-tfal, b'hekk aktar tfal ikunu mħajjra jipparteċipaw fil-Kunsill tat-tfal.

Il-Kunsillier, Chris Bruno.

4.26.4.8 Is-Sur Bruno informa lill-Kunsilliera li tkellem ma persuna minn Transport Malta rigward Triq is-Sienja li tagħti għal Patri Mattew Sultana rigward id-djuq tat-triq u li qiegħda perikoluża ħafna.

4.26.4.9 Is-Sur Bruno informa lill-Kunsill li se jergà jiltaqa' mar-rappreżentant ta' TM. Is-Sindku offra sabiex jattendi għal din il-laqgħa ukoll flimkien mas-Sur Bruno.

## 4.26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera

4.26.5.1 Il-Viċi Sindku Speranza Chircop staqsiet jekk hux possibbli jiżdiedu l-ġranet u forsi anki l-ħinijiet li l-Van tal-komunità apparti nhar ta' Tnejn jagħmel il-vjaġġi għal San Vinċenz.

4.26.5.2 B'risposta għal din il-mistoqsija, is-Sindku wieġeb li jkun aħjar li din titressaq permezz ta' mozzjoni sabiex din il-proposta tkun tista' ssir permezz ta' votazzjoni.

## 4.26.6 Aġġustament tar-Rapport Finanzjarju 2025 mill-Awdituri

4.26.6.1 L-Accountant spjega kif saru 4 aggustmaenti fil-FS u dan irriżulta f'għeluq tas-sena b'Deficit ta' € 527. Spjega l-aġġustamenti li saru fil-Financial Statement wara li kien sar l-awditjar, ikkumparat ma' dak li kien ressaq fil-laqgħa preċedenti.

4.26.6.2 Is-Sindku staqsa xinhi differenza finanzjarja bejn l-għeluq tas-sena li preżenta hu u dak li qed jiġi mressaq issa. Is-Sur Manicaro wieġeb li minn Surplus ta €1223.00 wara li ġew l-awdituri li l-ammont ta' għeluq għas-sena 2025 issa huwa revist għall Defeċit ta' €527.00

4.26.6.3 Il-Kunsilliera approvaw ir-rapport finanzjarju flimkien mar-representation letter.

**4.26.7 <u>Fondi mill-Kunsill Reġjonali Port</u>**

4.26.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera, li l-Kunsill Reġjonali Port b'riżultat tas-'social impact assesment' li kien sar, għal sena oħra qed jerġa jiftaħ skema sabiex il-kunsill li jaqgħu fi ħdan dan ir-Reġjun ikun jistgħu jibbenefikaw minn €5,000 għal inizjattivi ta' mobbiltà sostenibbli. Is-Sindku issuġġerixxa li bħala Kunsill Lokali napplikaw biex tinħareġ sejħa/inizjattiva li permezz tagħha l-familji Kalkariżi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn fondi għal xiri ta' roti.

4.26.7.2 Il-Kunsilliera is-Sa. Sultana issuġġeriet li permezz ta dawn il-fondi jibda jingħata privat tal-malti jew suġġett ieħor għat-tfal Kalkariżi. Is-Sindku b'risposta għal din il-proposta wieġeb, li din l-idea tajba ħafna, però m'hemmx għala tintuża din l-iskema għal-dan il-għan minħabba li hemm skemi oħra tal-edukazzjoni.

4.26.7.3 Sur. Bruno issuġġerixxa li jinxtraw scooters jew bħal siġġijiet tar-roti elettriċi lil persuni b'nuqqas ta' mobbiltà. Is-Sindku b'risposta għal din il-proposta talbu sabiex iġib aktar informazzjoni dwar dawn.

4.26.7.4 Il-Kunsill approva unanimament l-idea tas-Sindku għal din l-iskema maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Port.

**4.26.8 <u>Jum il-Librerija 2026</u>**

4.26.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li għal sena oħra se terġa tittella' Jum il-Librerija. Din hi pjanata li ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Mejju. Il-Kunsilliera Sa. Maria Sultana se tkun qed tikkordina mal-Kap tal-Iskola fuq din l-attività.

**4.26.9 <u>Sejħa għall-Administration Officer II fi skala 10</u>**

4.26.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv pproponiet sabiex tinħareġ sejħa għal uffiċjal fi skala 10. Il-Kunsill qabel li toħroġ din is-sejħa, però irid ikun kjarifikat il-fatt li din il-persuna tkun mitluba li tagħmel xogħol ta Customer care u tidħol is-Sibtijiet meta jkun neċessarju.

## 4.26.10 Permessi tal-Awtorita tal-Ipjannar

4.26.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li wara ilmenti li daħlu mir-residenti mar fuq il-post u waqqaf xogħol li kien se jibda fil-wied tal-Kalkara bejn Triq il-Progress u Triq il-Ġenista. Wara diskussjonjiet mal- Awtorita tal-Ippjanar, l-ERA u l-BCA issa ġie verifikat li l-*commincment notice* ġiet verifikata . Dan il-permess ilu snin li nħareġ. Is-Sindku fakkar li fuq dan it-tali proġett kien saru anke protesti fis-snin imgħoddija u jekk jixtiequ li jkomplu jsiru protesti ma jsibx problemi imma din hi art privata u issa mhux qegħdin fi stadju ta' appell.

4.26.10.2 Is-Sindku qal li qed jipropni li ssir laqgha pubblika mal-izvilpaturi. Hekk in-nies ikunu jistghu iressqu l-mistoqsijiet taghhom.

4.26.10.3 Il-Kunsilliera qablu unanimament sabiex tiġi miftiehma ġurnata għal laqgħa pubblika mal-izviluppaturi.

## 4.26.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

4.26.11.1 Is-Sindku fakkar illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier il-ġimgħa l-oħra biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

4.26.11.2 Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana issekondata mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 4.26.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

4.26.12.1 Is-seduta ntemmet fl-6:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda. Ġie maqbul unanimament li l-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Gimgħa 15 ta' Mejju 2026, fl-4 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum 15 ta' Mejju, 2026

Wayne Aquilina
Sindku

Karen Scicluna
Segretarju Eżekuttiv